# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)***

***<u>Drogi 18/99</u>***

***Pulizija***
***Supretendent Nicholas Ciappara/Spettur Josric Mifsud***
***vs***
***Abdel Salem Abdel Salem***

Illum 04 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Traffikar tad-droga <u>eroina</u> bl-aggravju tad-distanza; Pussess illegali bl-aggravi ta' l-intenzjoni tar-<u>raza mehuda mill-pjanta kannabis</u> u ksur tal-kondizzjoni tas-sentenza sospiza datata 30 ta' April 1998 fl-ismijiet Pulizija vs Abdel Salem Abdel Salem** *rifferribilment ghall-perjodu li jestendi bejn l-1 ta' Jannar u s-17 ta' Awwissu 1999.*

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu fi stajdu finali tal-proceduri,  u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghall-piena, il-Qorti rat il-fedina penali ta' l-imputat u ezaminat il-provi kontenuti fil-process u, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz u t-tip

tad-drogi nvoluti, il-Qorti hija tal-fehema li ghandha tapplika piena kalcerarja ghal tul taz-zmien biex isservi bhala detterent adegwat u effettiv.

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi 1 sa 4 u, wara li rat r-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39 u l-Artikolu 22(2)(2)(b)(i) tal-Kap.101 u l-artikli 17 u 28A u 28B tal-kapitolu 9, tikkundannah ghall-***piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin u nofs*** – mill-liema perjodu ghandu jonqos iz-zmien li l-imputat kien dam mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz - u ***multa ta' elf lira Maltin (LM1000).***

Inoltre tordna li s-sentenza sospiza fuq indikata tigi fis-sehh u ghalhekk l-imputat ghandu jaghmel ***perjodu ulterjuri ta' hames xhur prigunerija***.

Inoltre tordna li l-imputat ihallas l-ispejjez tar-relazzjonijiet peritali esebiti f'dawn il-proceduri wara li l-ammonti jingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti u dan ai termini ta' l-artiklu 533 (1) tal-kapitolu 9.

In fine tiddikjara lill-imputat bhala imigrant ipprojbit u tordna r-rimozzjoni tieghu minn dawn il-gzejjer wara li jkun skonta l-imsemmija perjodi ta' prigunerija.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***